MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 674/2015/1

**Alicia Galea**

**K.I nru 385486(M)**

**VS**

**Giacinta sive Cynthia Borg**

**K.I. nru 619751(M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Alicia Galea, tat-23 t’April 2015 li jaqra hekk:

*“Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittjiet tieghu jixtieq izomm l-intimat milli*

*Titrasferixxi, tassenja, taghti jew tiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali taht kwalsiasi titolu oneruz jew gratuwitu il-fond immobiljari bl-indirizzi:*

1) ***'Dorianne House', Triq il-Kitba, Fgura;***

2) ***'Jesus Heart', Triq il-Bieqja, Birzebbuga;***

3) ***JCT Garage, Triq in-Noqra gia Noqra Lane, Birzebbuga;***

4) ***Ghalqa formanti parti minn art akbar denominat 'Ta' Bajdin', fil-kontrada tal-Mirakli u fil-limiti ta' Hal-Lija , b'numru 31, tal-kejl superficjali ta' circa mija tmienja u disghin punt sitta metri kwadri (198.60mk);***

*u dan peress illi l-esponenti ghandha interess illi tikkawtela u tqieghed fiz-zgur l-interessi taghha fil-konfront ta' l-intimata;*

*Il-motivi tal-prezenti talba huma msejsa fuq bazi li l-esponenti ghandha dritt ghas-sehem riservat billi skont ir-rizultat tad-DNA, liema kopja qeghda tigi annessa u mmarkata DOK AG1, hija bint Felix Borg sive Felice bin William u Cathreine Bilocca, li skont it-testament li sar'unica charta' fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat it-tlieta u ghoxrin ta'Awissu tas-sena elfejn u hamsa (23.08.2005),l-intimata giet innominata b'eredi universali, propjetarja u padruna assoluta tal-gid kollu ta' Felix Borg,*

*Illi l-korrispettiv tal-imsemmija causa mortis kienet is-somma ta' €196,000 li minnhom kellhom jithallas is-sehem riservat lil esponenti ghalkemm interpellata diversi drabi;*

*Illi it-trasferiment baqa' qatt ma sar u s-somma dovuta tas-sehem riservat ta' €400,000.00 ma thallasx, minkejja li l-intimata talbet sabiex l-esponenti ssostni l-allegazzjoni taghha, hekk kif fil-fatt sar u ghalhekk l-ammont imsemmi ghadu dovut;*

*Illi fil-jiem li ghaddew, ir-rikorrenti saret taf illi propjeta gewwa Birzebbuga suicitata ser tigi trasferita imminentament fuq terza persuna u liema att ser jigi ppubblikat minn Nutar Pierre Cassar, kif ukoll l-propjetajiet l-ohra qeghdin fi stadju li jinbieghu lil terzi persuni u dan bi pregudizzju kbir ghad-drittijiet tar-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ghandha kull interess illi tikkawtela d-drittijiet taghha specjalment fuq l-indikat fond gewwa Birzebbuga , kif ukoll l-propjetajiet immobiljari ohra u dan billi l-intimata ma tithalliex tirrilaxxa l-pussess ta' tali propjetajiet u / jew li tassenja, jew taljena bi kwalsiasi titolu jew bi kwalsiasi dritt reali jew personali fuq l-istess propjetajiet jew xi parti minn favur terzi persuni u dan biex ma jigux b'xi mod pregudikati irrimedjabbilment id-drittijijiet tar-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk ghal-motivi supra espressi u ghal ohrajn li jafu jisorgu fit-trattazzjoni ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti ghandha kull interess li titlob li jinhareg dan il-mandat b'effett immedjat u li jigi applikat dak misjub fl-Artikolu 875(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli hija umilment mitluba joghgobha tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jespleta l-inkarigu msemmi fl-appena citata disposizzjoni tal-Ligi."*

Rat id-digriet tat-23 t'April 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-4 ta'Mejju 2015 fil-12.30pm;

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimata skond il-ligi;

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 2015 illi bih l-avukati difensuri tal-partijiet qabblu li sikkome it-test tad-DNA rikjest kien ghadu ma giex ifinalizzat, il-partijiet kkonkludew li t-termini legali kellhom jigu estizi;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Gunju 2015 li permezz tieghu l-intimata Borg ma opponietx ghal talba tal-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni odjern u kkonfermat illi jikkonkorru r-rekwiziti legali ghal hrug ta' tali Mandat t'Inibizzjoni;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Rat l-Artikoli 873 sa 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Qieset ir-ragunijiet illi wasslu lir-rikorrenti biex taghmel it-talba taghha u l-fatt illi l-intimata ma irregistatx oppozizzjoni ghall-istess hrug ta' Mandat t-Inibizzjoni;

Billi jissussistu r-rekwiziti mahsuba fl-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12 ghal hrug tal-Mandat;

Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti tilqa' it-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Konsegwentement **qedgha tordna il-hrug ta'Mandat t'Inibizzjoni kontra l-intimata** sabiex tinzamm milli titrasferixxi, tassenja, taghti jew tiddisponi kwalsiasi dritt reali jew personali taht kwalsiasi titolu oneruz jew gratwitu il-proprjeta', u b'mod partikolari :

1) ***'Dorianne House', Triq il-Kitba, Fgura;***

2) ***'Jesus Heart', Triq il-Bieqja, Birzebbuga;***

3) ***JCT Garage, Triq in-Noqra gia Noqra Lane, Birzebbuga;***

4) ***Ghalqa formanti parti minn art akbar denominat 'Ta' Bajdin', fil-kontrada tal-Mirakli u fil-limiti ta' Hal-Lija , b'numru 31, tal-kejl superficjali ta' circa mija tmienja u disghin punt sitta metri kwadri (198.60mk);***

Tordna illi l-intimata thallas l-ispejjez ta' dan il-procediment;

In oltre ai termini ta’ Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti qedgha tinnomina lin-Nutar Dr. Joseph Tabone, a spejjez tar-rikorrenti, sabiex l-istess Nutar, fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta’ dan il-Mandat t’Inibizzjoni;

Moghti kameralment illum l-Erbgha17 ta’ Gunju 2015

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------